MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-27 ta' Frar, 2014

Numru. 27/2013

Il-**Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Brenda Mallia, bint Louis u Mary Rose nee` Spiteri, imwieleda Pieta' nhar id-9 ta' Marzu 1970. Residenti George House, Flat 7, Triq il-Bacir, Msida u detentrici tal-karta ta' l-identita` bin-numru 227670M.

Talli;

Nhar l-1 ta’ Ottubru 2012 u fix-xhar ta’ qabel, minn gewwa ir-residenza BlkA, Flat 4, Triq G. Grech Delicata, Birkirkara ikkommetiet serq ta’ flus kontanti liema serq huwa aggravate, bil-valur li jeccedi l-elfejn u tlett mija u disghau ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu ( €2,329.37), bil-lok u bil-hin u dang had-detriment ta’ John Vella u/jew persuna/I ohra.

Fl-istess dati, hin, lok  u cirkostanzi irrendiet ruha ricediva ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li hija ga giet misjuba hatja permezz ta` diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema setnenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnha wara li l-Qorti tatha zmien xieraq skond il-ligi sabiex tikkonsidra sew l-ammissjoni taghha, u wara li l-Qorti wissietha solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, din il-Qorti giet ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi l-ammont ta' flus misruq mill-imputata kien gia' thallas lura lid-derubat;

Rat illi ghalhekk setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 49, 50, 261, 267, 269, 270 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssibb lill-istess imputata Brenda Mallia hatja skond l-akkuzi dettota kontra taghha u ghaldaqstant qieghda tordna li

titqieghed taht ordni ta' 'Probation' ghall-perijodu ta' tlitt (3) snin, ia termini tal-Artikolu 7 tal-Kapitoli 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputata.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------